MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 931/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**
**VS**
**FRANCIS CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Camilleri ta' 51 sena, bin Lorenzo u Serafina nee' Bugeja, mwieled Marsa fil- 21 ta' Lulju 1961, residenti f' Kitmel, Triq in- Nahal Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 472061M ;

Talli;

1) Bejn il- perjodu ta' Marzu 2007 u Awwissu 2010, f' dawn il- Gzejjer b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn €2329.37 ghad-detriment ta’ Lomax Horace (K.I. numru 493682M);

2) U talli fl- istess dati, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis- soma ta’ aktar minn €2329.37 liema soma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema soma giet fdata lilu minhabba l- professjoni, insudtrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad- detriment ta’ Lomax Horace (K.I. numru 493682M)

3) U b’ hekk sar recidiv ai terminu tal- ARtikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema setenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 25 ta’ Novembru, 2011, fejn gew indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat, wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, ma kellu ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi ttrattata minn din l-istess Qorti b’mod sommarju;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-mertu;

Ratilli l-imputat kien lahaq ftehim civili mal-parti leza fil-mori ta’ din il-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien gie mqabbad mill-parti leza, Horace Lomax, sabiex jaghmel xoghol ta' injam u ghamara fil-fond ta' Lomax, ghal prezz miftiehem bejniethom. Dan il-kuntratt ta' appalt kien sar f'Marzu 2007, u x-xoghol kollu kellu jitlesta sa' Settembru 2007. Lomax kien hallas depositu akkont tax-xoghol, li kien jikkonsisti fi kcina u kamra tas-sodda, kif ukoll xi bibien u xambrelli. Meta ghadda z-zmien u x-xoghol ma kienx lest, Lomax kien beda jitlob lil Camilleri biex ifittex ilesti x-xoghol. Huma ftiehemu fuq data gdida ghat-tlestija tax-xoghol ghal Lulju 2008, izda dan baqa' ma tlestiex. Rega' ghadda hafna zmien, u x-xoghol baqa' ma sarx, minkejja hafna weghdiet da parti tal-imputat, u ghalhekk Lomax ghamel rapport mal-Pulizija u talab sabiex jittiehdu passi kontra Camilleri ghal frodi u misapproprjazzjoni. Ghalhekk kienu gew istitwiti dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti jidher b'mod car ghall-ahhar li din kienet kawza purament ta' natura civili, fuq inadempjenza ta' kuntratt ta' appalt. Ma rrisulta ebda frodi jew misapproprjazzjoni kif allegat il-Prosekuzzjoni. Iz-zewg reati, ghalkemm kultant jistghu jkunu qrib ta' xulxin, huma distinti u separati minn xulxin, u l-elementi tar-reat huma differenti ghal kollox minn xulxin.

Fil-kaz ta' frodi, jew truffa, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Pul. V. Gino Zammit", deciza fis-17 ta' Settembru, 2008, kienet qalet hekk;

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta: "L-element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu w li effettivament ikunu nducew lill-vittma fi zball - ingann - li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent." (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul"** [20.6.1991]. "

Fil-kaz in ezami, ma kien hemm ebda raggiri jew artifizji li nducew lil Lomax fi zball. Bejn il-partijiet kien jezisti kuntratt ta' appalt, liema kuntratt baqa' mhux terminat ghal perijodu twil ta' zmien. Izda ma gie indikat ebda forma ta' frodi da part ital-imputat. Parti mill-ghamara ordnata kienet giet installata fil-fond ta' Lomax. Li gara huwa li x-xoghol ma giex terminat fiz-zmien stipulat. Izda l-imputat kien effettivament qieghed jaghmel ix-xoghol ta' injam ghal Lomax, u ma holoq ebda speranza fiergha ghall-klijent tieghu b'mod li qed jinducih fi zball intenzjonalment.

Ghal dak li jirrigwarda l-misapproprjazzjoni, il-ligi hawnekk ukoll hija univoka. Il-gurisprudenza f'din il-materja hija kopjuza f'dan ir-rigward. Hekk, per ezempju, kienet irriteniet il-Qorti tal-Appelli Kriminali (Appell Numru. 350/2006 DS) fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. George Grech", d**eciza fit-22 ta' April, 2009:

"Dak li jrid jigi determinat mhuwiex biss x'intenzjoni kellu l-appellant izda wkoll jekk kienx jezisti l-element intenzjonali mehtieg fl-appellant biex jista' jinghad li jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Kif jispjega Luigi Majno[1]:

"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice

[1] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106.

fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l’esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l’operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l’incaricato di esigere l’importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dolo*.””

Hekk ukoll kienet qalet l-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **“Pul. V. Emmanuel Chircop”**, deciza fis-27 ta’ Frar, 2009 (App. Krim. 241/08 JGD).

Illi ghalhekk, a bazi ta’ dan l-insenjament legali, din il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat. Huwa evidenti ferm li hawn si tratta ta’ kuntratt ta’ appalt li ma giex itterminat fit-terminu li kienu ftehmu fuqu l-imputat u l-klijent tieghu, izda ma jirrisulta xejn aktar. Din hija tipikament kawza b’indoli civili li ma kellha ebda element tar-reati indikati, la dik ta’ frodi u l-anqas dik ta’ misapproprjazzjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 310(1)(a), 17, 23, 31, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------